MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Numru. 794/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs.**

**Rosaria Bonnici**
**Johanna Vella**
**Erica Scicluna**
**Maraya Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Rosaria Bonnici**, ta' tmienja u erbghin (48) sena, bint Joseph u Enrichetta neé Cassar, imwielda Pieta, nhar il-21 ta' Jannar 1964, residenti gewwa Warda Mistika, Triq

il-Bahrija, Zabbar u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 102364M;

**Johanna Vella**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bint Anthony u Maria neé Bonnici, imwielda Zabbar, nhar it-13 ta' Awwissu 1984, residenti gewwa Johanmar, Triq il-Kappucini, Zabbar u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 432484M;
**Erica Scicluna**, ta' sittax (16) il-sena, bint Carmelo Scicluna u Rosaria Bonnici, imwielda Pieta, nhar it-3 ta' Ottubru 1995, residenti gewwa Warda Mistika, Triq il-Bahrija, Zabbar u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 418695M u

**Maraya Scicluna**, ta' erbatax (14) il-sena, bint Carmelo Scicluna u Rosaria Bonnici, imwielda Pieta', nhar l-14 ta' Novembru 1997, residenti gewwa Warda Mistika, Triq il-Bahrija, Zabbar u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 448597M, akkuzati talli:

f'dawn il-gzejjer, nhar il-21 ta' Lulju 2012, bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Graziella Falzon minn Hal Safi u lil Shanice Falzon mill-Hamrun kontra l-volonta taghhom;

fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta' Graziella Falzon minn Hal Safi f'periklu car, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom;

fl-istess data, lok u cirkostanzi hebbew ghall-persuna ta' Graziella Falzon minn Hal Safi u kkagunawlha griehi ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr. Jean Paul Camilleri;

fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé ghamlu hsara fuq il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni DBO 683 liema hsarat

ma jiskorrux l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), saru ghad-dannu tal-istess Graziella Falzon minn Hal Safi u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mall-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "SB 9").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet lill-*parte civile* jiddikjaraw li llum stess sar hlas *da parte* tal-imputati fl-ammont ta' Euro 534.78 lill-istess *parte civile* u semghet lill-*parte civile* jiddikjaraw li ma kellhomx aktar pretensjonijiet fil-konfront tal-imputati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-

ammissjoni bikrija taghhom f'dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom (li hija wahda nadifa). Fil-konfront tal-imputati Erica Scicluna u Maraya Scicluna, il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li dawn kellhom 16 u 14-il sena rispettivament meta kkomettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 41(1)(a), 86, 216, 221(1), 325(1)(b) u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Rosaria Bonnici u Johanna Vella u wara li rat Artikoli 37, 41(1)(a), 86, 216, 221(1), 325(1)(b) u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront Erica Scicluna u Maraya Scicluna fuq ammissjoni, issib lill-imputati kollha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputati Rosaria Bonnici u Johanna Vella bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum, u lill-imputati Erica Scicluna u Maraya Scicluna bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn u tmintax (18) il-xahar rispettivament mil-lum

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputati jigu ordnati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hatja b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Graziella Falzon u Shanice Falzon.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------